MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Numru 890/2004

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **WALID MOHAMED HASSAN IBRAHIM SARHAN** ta' tletin sena, bin Mohamed u Magda nee Abez, imwieled l-Egittu nhar t-tlieta ta' Gunju 1974 u residenti Flat 3, 25, 'Sea Breeze', Triq l-Irmigg, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita` numru 24911A gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-Gimgha, tnejn ta' Lulju 2004 f'M'Scala;

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb tal-kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u hamsa w erbghin mobile pockets tal-kanvas tad-ditta Nike, tlettax il-mobile phone cover tal-plastic tl-marka Nike, dsatax l-arlogg Adidas, erbghin arlogg Nike, ghoxrin arlogg Gucci, tmintax l-arlogg bl-emblema tal-Ferrari u tnax il-brazuletta bl-emblema tan-Nike;

2. Talli fl-istesss data, lok, hin u cirkostanzi, ghal qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, mmanufattura, dduplika jew b’mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew b’mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-Awtur li jkollha persuna w protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-sigaretti kollha esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil istess imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta' Lulju 2004 esibit fl-atti bhala dokument CSH sabiex in il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-kwerela rikjesta ai termini tal-proviso tal-artikolu 298B tl-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali u dan kif jirrizulta mill-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-tnax ta' Jannar 2005.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-tnax ta' Jannar 2005, u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax ta’ Jannar, 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante, l-fedina penali tal-imputat u li ebda persuna ma sofriet danni f'dan r-reat, stante l-merca msemmija fl-ewwel akkuza tinsab esibita materjalment l-Qorti.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 298 (1)(f) u 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat WALID MOHAMED HASSAN IBRAHIM SARHAN hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin bil-fakulta li tali multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin lira b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin ta' Jannar 2005.**

**Il-Qorti tordna li l-oggetti esibiti materjalment f'dawn il-proceduri jigu kollha konfiskati favur il-Gvern t' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------